MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2037/2003

**Saliba Bros. Ltd.**

**vs**

**Joe Degabriele**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmintax-il lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm118.42) rapprezentanti servizzi u prodotti provduti lill-konvenut, kif ukoll ta' l-ispejjez legali (eskluzi l-ispejjez ta' dan l-avviz) sal-gurnata tal-lum; u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv;**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**
**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Stephen Mifsud ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm118.42) bl-imghax legali mit-18 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------